TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Louise Grech

Vs

Before & After by Yoshika Sultana

CCT 27/22/MM

Illum, 30 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Frar 2022 fejn talbet is-somma ta' Euro 423.40 rapprezentanti Euro 145 minnhom bhala xoghol hazin maghmul mill-intimata u l-kumplament u cioe Euro 278.40 bhala 'damage repair' tax-xaghar.

Illi l-intimat intavolat r-risposta taghha nhar is-27 ta' Gunju 2022 fejn eccepiet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi l-attrici hbiet fatti mill-intimata u ghalhekk ir-rizultat kien dak mistenni fic-cirkostanzi; illi l-intimata ghamlet xogholha skont is-sengha u l-arti; illi l-attrici kienet sodisfatta dakinhar li nghatat is-servizz tant li hallset ghas-servizz u ma kkummentat xejn.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti jirrigwarda ir-rizultat wara li nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022 hija marret taghmel xaghrha fis-salon *Before & After by Yoshika Sultana.* Hi tghid dli kien cempel l-gharus taghha biex jaghmlilha appuntament izda Yoshika Sultana xtaqet li tiltaqa' maghha personalment u dan minhabba li r-rikorrenti kellha xaghar twil sa nofs dahra mizbugh iswed u li qabel kellu l-bleach xtaqitu hot pink. Ir-rikorrenti tghid li l-intimata qaltilha li dak il-kulur hot pink ma jistax isir ghax jinharaq u jekk xtaqitu kienet ser taghmilulha izda qabel riedet tiffirma. Ir-rikorrenti tghid li ma riditx taghmlu hot pink u l-intimata spjegatilha li setghet taghmilulha rose gold. Il-kulur giet suggerrit mill-intimata u ma kienetx ser issir hsara fuq xaghrha.

Ir-rikorrenti tispjega li hi kienet accettat li taghmel il-kulur 'rose gold' wara li l-intimata kienet urietha ritratt kif kien ser jigi fuq whatsapp. Illi xaghar ir-rikorrenti ma giex bhal tar-ritratt izda gie bi tliet kuluri apparti li nharaq hafna minnu u kellha taqtala kwazi kollu. Ir-rikorrenti tinsisti li hi trid il-flus lura biex tal-inqas issewwi l-hsara kbira li saritilha f'xaghrha. L-attrici tkompli tishaq li l-intimata ma taghtix ricevuta fiskali u li l-intimata hi persuna tal-glied.

Xehdu wkoll Charles Lautier li hu l-gharus tar-rikorrenti fejn ikkonferma li r-rikorrenti kellha taqta Xaghra wara l-intervent tal-intimata filwaqt li l-habiba taghha Beatrice Cassar li kienet akkumpanjat lir-rikorrenti dakinhar li marret taghmel xaghrha tghid kif rat ix-xaghar tar-rikorrenti hiereg id-duhhan minnu. Hi tghid li bdiet tghajjat lill-intimata li kienet harget barra tpejjep sigarett. Tikkonferma li r-rikorrenti kellha taqta madwar 10cm minn xaghrha.

Illi l-intimata ma dehritx ghas-seduti u lanqas ma pprezentat provi jew sottomissjonijiet bil-miktub minkejja li inghatat l-opporunita' sabiex taghmel dan.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li hija sofriet danni meta hija kienet marret ghand il-konvenuta sabiex tissettja xaghrha b'dan li fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu l-istess konvenuta b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' "hairdressing" ikkawzat danni f'ras l-attrici, u ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Euro 423.40 rapprezentanti Euro 145 minnhom bhala xoghol hazin maghmul mill-intimata u l-kumplament u cioe Euro 278.40 bhala 'damage repair' tax-xaghar.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehema li gie ppruvat li dak li kkawza ddanni tal-attrici kien proprju l-istess trattament tal-konvenuta meta hija kienet qed taghmel l-intervent tax-xaghar tal-attrici u specifikatament meta ntuzat il-preparazzjoni tal-bleach fuq xaghar l-istess attrici u b'hekk gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi n-ness ta' kazwalita' bejn id-dannu soffert mill-attrici u l-agir tal-konvenuta.

Illi ladarba gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi li l-attrici ilmentat mill-ewwel mill-istess hruq meta kien qed issir dan it-trattament stess, dan ifisser mhux biss li l-hruq fir-ras tal-attrici gie kkawzat mill-kimika uzata mill-istess konvenuta, u t-tul ta' hin kif gie applikat, izda wkoll li l-konvenuta kienet negligenti peress li ma avzatx lill-attrici li seta' kien hemm xi riskji involuti f'tali trattament, izda wkoll peress li minkejja l-fatt li listess attrici ilmentat mill-ugiegh kawza tal-istess trattament, il-konvenuta bl-ebda mod ma tat ebda struzzjonijiet jew rimedju sabiex tali problema tigi riskontrata. Din il-Qorti thoss ukoll li la darba l-istess trattament ikkawza dan il-hruq fir-ras tal-attrici, l-istess konvenuta kellha d-dmir li tiehu l-prekawzjonijiet professjonali necessarji sabiex taddatta l-metodu u l-kimika minnha uzati sabiex ma taghmilx hsara lill-

kljenta taghha, u allura f'dawn l-aspetti kollha din il-Qorti thoss li l-konvenuta agixxiet fil-professjoni taghha b'mod negligenti u b'nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias" ("**Cremona vs Cremona**" – P.A. – 13 ta' Frar 1905; "**Calafato vs Grech**" – A.C. – 23 ta' Novembru 1921; "**Barbaro vs Notaro Vella**" – P.A. 21 ta' Jannar 1929; "**Lorenzo Buttigieg vs Henry Hirst**" – P.A. – 16 ta' Frar 1945; "**Victor Savona pro et noe vs Dr. Peter Asphar et**" – A.C. - 2 ta' April 1951; "**Frankie Zerafa et vs Olga Avramov et**" – P. A. 30 ta' Jannar 2006) u b'mod allura li l-istess konvenuta ma' osservatx il-grad ta' responsabbilta' necessarja u mistenija fl-ezercizzju u l-prattika tal-professjoni jew sengha taghha ("**Josephine Borg et vs Anthony Fiorini**" – P.A. – 18 ta' Lulju 1994).

Illi minn naha l-ohra huwa prudenti u mistenni li l-attrici titlob il-parir ta' terzi sabiex tirrimedja u timmitiga d-danni li sofriet f'xaghara. F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi ghal kawza simili deciza mill-Qoti tal-Appell nhar it-30 ta' Settembru, 2011 fl-**ismijiet Veron Cutajar v. Lilian Bugeja** (Appell Civili Numru. 964/2004/1). Ghalhekk dan it-Tribunal ser jghaddi biex jilqa' t-talba ghal kumpens ghall-ispejjez li nkorriet l-attrici.

**DECIDE**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedib billi jtilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erba mija tlieta u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€423.40) fi zmien gimghatejn mil llum.

L-ispejjez a karigu tal-intimata.

**Dr Martha Mifsud LL.D.**

**Arbitru**